Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Numru. 497/2008

**Pulizija**

**(Spettur Jessica Grima)**

**vs**

**Clint Zahra**
**Angelus Zahra**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Clint Zahra ta’ 25 sena, mwieled fit-8 ta’ Settembru 1982, Pieta’, bin Angelo u Susan nee’ Briffa u residenti no 26 Flat no 2, Main Street, Dingli u detentur tal-karta tal-identita’ numru 560382(M) u l-imputat Angelus Zahra ta’ 63 sena imwieled fid-29 ta’ Awwissu 1944 Rabat, Malta bin il-mejjet Vincent u l-mejta Fortunata nee’ Abela u residenti no 34 Triq San Frangisk, Rabat, Malta u

detentur tal-karta tal-identita' numru 748544(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F'dawn il-Gzejjer, bejn il-lejl ta' 6 u 7 ta' Gunju 2008 fil-gzejjer Maltin f'xi hin bejn nofs il-lejl u l-hamsa ta' filghodu, gewwa c-Cirkewwa limiti tal-Mellieha dolozament bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Mark Anthony Casha f'periklu car wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kienu fil-pubbliku qalu xi kliem oxxen jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi gabu ruhhom b'tali mod li l-imgieba taghhom ikkagunaw lil haddiehor li jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fil-artikolu 222(1) hekk kif hi definita fl-artikolu 2 tal-Kap 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Anglu Zahra wahdu

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Patricia Zahra li hi l-mara tat-tifel tieghu Clint hekk kif giet iccertifikata mit-tabib Dr. M Grech MD Reg no 2565 u dan bi ksur tal-artiklu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi garr arma irregolari li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija
Lil Clint Zahra wahdu

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Patricia Zahra li hi martu hekk kif giet iccertifikata mit-tabib Dr. M. Grech MD Reg no 2565 u dan bi ksur tal-artiklu 221(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta tal-vittmi billi tipprotegihom minn kull biza ta’ fastidju jew forma ta’ imgieba li ggib il-biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-2 ta’ Mejju 2011 (inserita a fol. 370 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikolu 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 214, 215, 221(1), (2), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta’ Lulju 2011, l-imputati ddikjaraw li huma m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci li taw lok ghal dan il-kaz jirrigwardaw sensiela ta’ episodji li sehhew fis-7 ta’ Gunju 2008. Ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu tal-imsemmija gurnata dahal rapport fl-Ghassa tal-Qawra minghand PC488 li kien qieghed xoghol gewwa l-Isptar Mater Dei fejn infurmahom li kienet iddahlet persuna maskili li kien jidher

li kellu numru ta’ daqqiet li saru b’xi haga bil-ponta. Meta l-istess Pulizija kellem lil din il-persuna li rrizulta li kien Mark Anthony Casha, dan qallu li kien gie attakat waqt li hu kien qieghed mal-habiba tieghu gewwa parking area f’Paradise Bay limiti tal-Mellieha. Mill-ghassa tal-Qawra marru l-Isptar PC210 u PC688 fejn kellmu lil Mark Anthony Casha u dan qalilhom li ghall-habta tas-siegha, siegha u nofs ta’ filghodu huwa kien saq il-karozza tieghu gewwa din il-parking area flimkien ma' kollega tax-xoghol tieghu, certu Patricia Zahra. Huma kienu marru bil-karozzi rispettivi taghhom fuq il-post u pparkjaw il-vetturi jharsu lejn xulxin. Patricia Zahra dahlet fil-karozza tieghu u f’hin minnhom xi hadd fetah il-bieb tal-karozza tan-naha ta’ fejn kienet hi u cioe’ fin-naha tal-passiggier, gebbidha l’ barra u beda’ jaghtiha. Huwa qal li meta kien qed jigri dan, kien hemm ragel li kellu xaghru bajdanija li gie hdejn il-bieba tal-karozza tieghu u dan beda’ jaghtih b’sikkina. Huwa qal li r-ragel li beda’ jaghti lil Patricia Zahra kien gie ukoll hdejn il-bieba tal-passigier ta’ quddiem u beda’ jaghtih minn dik in-naha ukoll. Meta nduna li kien wegga’, Mark Anthony Casha qabad u saq lejn l-isptar. Huwa zied jghid ukoll illi meta kien hemm dan ir-ragel li beda jaghti lil Patricia, semghu jghidilha li ma kienx haqqu hekk. Huwa zied jghid li fil-fatt haseb li dawn il-persuni li attakkawhom kienu r-ragel ta’ Patricia u missieru. Min-naha tieghu PS702 informa lill-Pulizija tal-ghassa tal-Qawra, li kien sab ir-ragel ta’ din Patricia Zahra li rrizulta li kien certu Clint Vincent Zahra u mieghu kien hemm missieru certu Angelus maghruf bhala Angelo Zahra. Clint Zahra qalilhom li l-ahhar li kien ra lil Patricia Zahra kien gewwa l-parking area hdejn Paradise Bay. Wara xi hin Patricia Zahra kkuntattjat lill-genituri taghha fejn kienet infurmathom li kienet ir-Riviera Hotel, l-Imtarfa u li kienet sfat imsawta minn Clint u missieru Anglu. Mark Anthony Casha gie ccertifikat minn Dr. Agnes Cachia[1] li kien qieghed fil-periklu tal-mewt minhabba l-griehi li sofra. Dan ic-certifikat kien jindika li kellu tlett laceration wounds, wahda kienet fuq in-naha l-leminija ta’ ghonqu u kienet twila madwar 1.5cm, kellu laceration wound ohra fuq in-naha tal-lemin ta’ sidru li kienet ukoll twila 1.5 cm u kellu

[1] Li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Ottubru 2008.

laceration wound ohra fuq siequ l-leminija li kienet twila 1.5 cm. Gie stabbilit ukoll li huwa kellu xi internal bleeding minhabba dawn il-griehi li sofra. Wahda mill-griehi dahlet gewwa l-kavita' u minhabba f'hekk kien hemm emoragija interna. Minhabba n-natura tal-kaz saret Inkjesta Magisterjali fejn inhatru diversi esperti. Meta gie mitkellem aktar tard gewwa l-isptar mill-Ispettur Therese Sciberras u meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Gynju 2008, Mark Anthony Casha qal li bejn il-lejl tas-6 u s-7 ta' Gunju 2008, huwa kien mar gewwa stabbliment li jismu The Fortress Restaurant li jinsab ix-Xemxija. Huwa qal li hu u Patricia Zahra kienu marru dan il-party li kien gie organizzat minn tax-xoghol fejn jahdmu t-tnejn. Huwa stqarr li meta telqu mill-party hu kien mar gewwa l-karozza tieghu li hija Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni FBM904 u kien saq lejn ic-Cirkewwa. Patricia Zahra saqet warajh bil-karozza taghha u kienu saqu lejn ic-Cirkewwa, fejn dahlu fit-triq li taghti ghall-Paradise Bay u waqfu f'parking area. Mark Anthony qal li Patricia harget mill-karozza taghha, sakritha u fethet il-bieba tal-passigier ta' quddiem tal-karozza tieghu. F'hin minnhom il-bieba taghha infethet minn ragel li huwa gharaf li kien ir-ragel taghha. Huwa qal li kien gharfu minhabba l-fatt li kien rah f'okkazzjonijiet ohra. Meta r-ragel ta' Patricia, Clint, fetah il-bieba tal-karozza gibed lil Patricia l' barra, beda jaghtiha u beda' jigbidha wkoll minn xaghrha. Huwa qal li meta r-ragel ta' Patricia mar jaghtih, ra ragel iehor li Mark Casha ma kienx jaf min hu pero' qal li kellu xaghru bajda. Dan ir-ragel gie hdejn il-bieba tan-naha ta' fejn kien qieghed hu ghaliex dak il-hin kien qieghed bil-qieghda. Meta ra lil din il-persuna, Mark Anthony Casha qal li huwa hass daqqa li haseb li kienet b'xi forma ta' sikkina peress li ra xi haga tleqq fid-dawl li kien hemm u hass xi haga twegghu ammont ta' drabi. Huwa qal li prova jiddefendi ruhu b'idejh pero' ma setghax. Huwa qal li waqt li r-ragel taghha kien qieghed isawwat lil Patricia Zahra semghu jghid 'qbdatek ja qahba'. Huwa prova jahrab minn fuq il-post u xeghel il-karozza u saq b'lura sakemm telaq minn fuq il-post. Huwa qal li f'dak il-mument kien dejjem f'sensih pero bid-diffikulta' saq lejn l-isptar. Huwa qal li kien hareg ammont ta' demm minn gismu, minn fejn kien qalgha d-daqqiet u li kien migugh hafna.

Meta xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2008 u meta kelmet lil Pulizija Patricia Zahra qalet hija kienet ilha tahdem ghal madwar sena ma' kumpanija privata bhala Business Relations Officer u li fis-6 ta’ Gunju 2008 kellhom farewell party tax-xoghol gewwa l-Fortress Wine Bar fix-Xemxija. Ghall-habta tas-1.00am u 1.30am hija u Mark Anthony Casha ddecidew li jmorru jitkellmu ghal kwiet gewwa Paradise Bay. Huma nizlu bil-karozzi taghhom fuq il-post u hija nizlet mill-karozza taghha u sakemm kienet diehla fil-karozza taghha rat karozza ohra li qabzithom u hekk kif waslet hdejn il-bieba tal-karozza ta’ Mark Casha tfacca Clint Zahra li huwa r-ragel taghha. Rat ukoll lil Angelo Zahra li huwa missier l-imputat Clint u t-tnejn gew fuqha u bdew jaghtuha u Angelo Zahra beda’ jaghtiha bil-ponn fuq wicca u Clint beda’ jaghtiha bis-sieq ma’ gisimha kollu. Hija waqghet mal-art u komplew jaghtuha dak il-hin. Meta hija kienet mal-art waqfu jaghtuha u telqu minn hdejha. Angelo Zahra mar min-naha ta’ fejn kien qieghed Mark minhabba li huwa kien ghadu fil-vettura u hija rat lil Angelo Zahra jaghtih bil-ponn. Mark startja l-karozza u saq b’lura minghajr ma wegga’ lil hadd. Meta rat lil Angelo jattaka lil Mark hija qamet u Angelo rega gie jiffaccjaha. Patricia Zahra qalet lill-imputati li Mark Anthony Casha u hi ma kienu qeghdin jaghmlu xejn izda huma ma tawx kaz ta’ dak li kienet qieghda tghid. Hija kompliet tghid li meta Mark telaq minn fuq il-post rat bicca metall f’idejn Angelo Zahra fil-mument li bdew jaghtuha kemm ir-ragel taghha Clint kif ukoll hu. Hija qalet li f’hin minnhom ir-ragel taghha hadilha l-handbag u l-mobile u telaq bil-karozza taghha. Missieru dahal fil-karozza tieghu u telqu minn fuq il-post wara xulxin. Hija baqghet hemm u marret tghajjat ghall-ghajnuna izda ma kien hemm hadd u ghalhekk sabet bus stop fejn marret tistahba wara tarag u baqghet hemm ghal xi hin izda mbaghad marret lejn in-naha tar-Riviera Hotel minhabba li kienet qed tibza’ li sejrin jergghu jigu ghaliha. Meta dahlet il-lukanda cemplet lil ommha u rispondiet il-mara ta’ huha fejn qaltilha li kienet qalghet xebgha kbira u xi hin wara gew il-Pulizija u haduha l-Isptar fejn sarulha zewg punti f’dahrha minhabba li kellha ferita bi strument bil-ponta. Hija kompliet tghid li dak il-hin ma kinitx rat xi

forma ta' arma pero' kienet taf li missier ir-ragel taghha kien igorr mus fuqu. Hija qalet li kien veru li kellha relazzjoni ma' Mark izda ma kienux johorgu flimkien u qatt ma ghamlu sess bejniethom. Hija ziedet tghid li l-problemi fiz-zwieg taghha ma Clint Zahra kienu ilhom ghaddejjin madwar sena u nofs u hija kienet tghidlu sabiex jaghti kasha minhabba li huwa kien mohhu fil-flus. Patricia Zahra qalet ukoll li tlett ijiem qabel dan l-incident hija kienet telqet mid-dar u marret tghix ma ommha. Hija qalet li Clint Zahra kien jadhem sieghat twal u wara l-full time job tieghu kien imur jaghmel il-part time job u kien idum ghax-xoghol anke sa nofs il-lejl.

Dr. Moira Grech li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2009 qalet li kienet ezaminat lil Patricia Zahra fis-7 ta' Gunju 2008 fejn iccertifikat li din kellha griehi hfief. Dawn il-griehi kienu jikkonsistu f'numru ta' tbengil u abrasions pero' Patricia Zahra kellha laceration wound li kienet twila 0.7 cm fuq in-naha tax-xellug ta' sidirha, kompatibbli ma stab wound. Din ma kinitx fonda u ma ppenetratx il-kavita'.

Dr. Agnes Cachia[2] kienet ezaminat lil Mark Anthony Casha fis-7 ta' Gunju 2008 fejn qalet li huwa kellu ferita ta' madwar centimetru u nofs fuq l-ghonq man-naha tal-lemin li kienet iktar twila milli kienet fonda. Kellu wkoll ferita ta' madwar centimetru u nofs fuq in-naha tal-lemin ta' siequ, f'nofs il-qasba ta' siequ, izda kien hemm ferita ohra in-naha t'isfel tal-kaxxa tas-sider mal-lemin li kienet tidher pjuttost fonda. Bhala wisa' kienet ta' madwar centimetru, centimetru u nofs. Din kienet iktar fonda milli kienet wiesgha. Gew ordnati li jittiehdu xi testijiet fosthom ultra sound fejn l-ultra sound kien indika li kien hemm demm migbur x'aktarx fin-naha tal-milsa u li forsi kien hemm xi demm fil-pelvis. Minhabba r-rizultat ta' dan l-ultra sound, huwa gie certifikat li qieghed f'kundizzjoni gravi u fil-

[2] Dr Andrew Schiro kien ezamina lil Mark Anthony Casha gewwa l-isptar. Mark Casha kien rcieva diversi daqqiet ta' sieq jew bil-ponn kif ukoll kellu tlett daqqiet ta' sikkina. Wahda fin-naha tal-lemin t'ghonqu fin-naha t'isfel, li kienet ta' madwar 1cm u ma kenitx fonda. It-tinei daqqa kienet bejn id-disa u l-ghaxar kustilja u daqqa ohra ta' 1.5 cm fit-tul fuq in-naha t'isfel ta' barra ta' siequ l-leminija. Wara li saret CT scan irrizulta li kien hemm xi fluids pero ma giex operat minhabba li qeleb ghall-ahjar. Huwa gie rilaxxat fl-16 ta' Gunju 2008. Wahda mid-daqqiet li kellu penetrat il-kavita li setghet misset il-fwied jew il-musrana izda ma kien hemm xejn fic-cert. Il-fluwidu li ngemgha seta' kien demm izda peres li ma baqax johrog demm ma sar l-ebda intervent.

periklu li jitlef hajtu u gie mizmum l-isptar. Il-feriti li kellu gew ikkagunata minn xi haga taqta'.
Dr. Mario Scerri[3] kien gie mahtur bhala espert mediku waqt l-Inkjesta Magisterjali[4] sabiex jezamina kemm lil Patricia Zahra kif ukoll lil Mark Casha' u jirrelata minhabba l-griehi li kellhom. Meta ezamina lil Mark Casha dan kien ghadu rikoverat l-isptar. Huwa kkonstata li Patricia Zahra kellha abbrazzjonijiet fuq spallejha ta' natura hafifa, fuq id-driegh tal-lemin u fuq l-id il-leminija ta' natura hafifa wkoll. Kellha abbrazzjoni mal-polz tan-naha tal-lemin ta' natura hafifa kif ukoll fuq il-pala tal-id il-leminja. Hija kellha wkoll ferita maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta fuq l-aspett laterali tan-naha ta' isfel tad-dahar. Il-ferita kienet suturata pero' incied wound minhabba li ma kinitx ippenetrat il-kavita' toracika. Kellha tbengil kompatibbli ma' grip marks fuq id-driegh tax-xellug. Kellha tbengil kompatibbli ma' grip marks iktar l-isfel fir-regjun tal-minkeb tax-xellug. Kellha tbengil kbir fuq il-koxxa l-leminija kompatibbli ma' blunt trauma u feriti hfief ohra. Dawn il-griehi kienu kompatibbli ma blunt trauma. Min-naha l-ohra meta l-istess espert forensiku ezamina lil Mark Anthony Casha gie kkonstatat li dan kellu incizzjoni fuq in-naha tal-lemin tal-ghonq. Din ma kinitx stab wound ghaliex kienet aktar wiesgha milli kienet fonda pero' kienet tidher f'distanza qasira. Huwa kellu wkoll ferita fuq il-qasba tas-sieq maghmula minn strument bil-ponta kif ukoll abrazzjoni fuq id-driegh il-leminija kompatibbli ma strument bil-ponta li hija ta' natura hafifa. Kellu stab wound li penetrat il-kavita fil-genb tal-lemin maghmula minn strument bil-ponta u jaqta minn naha wahda. Din il-ferita hija ta' natura gravi. L-aktar wahda gravi bhala ferita kienet il-penetrazzjoni addominali li kienet fonda bizzejjed li ppenetrat fil-kavita' addominali.

Ikkunsidrat:

---

[3] Huwa prezenta relazzjoni li qieghda esebita a fol 167.

[4] Process Verbal relattiv inserit a fol. 155 tal-atti processwali.

Illi kemm Clint Zahra kif ukoll Angelo Zahra ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri[5]. Min-naha tieghu Clint Zahra qal li ftit taz-zmien qabel il-mara tieghu Patricia kienet telqet mid-dar. Huwa qal li hi kienet telqet minhabba li riedet tistrieh. Huwa kompla jghid li kien qalilha li jekk fil-fatt hemm xi problemi jaraw kif jistghu isolvuhom. Meta tkellem maghha fuq it-telephone kienet qaltlu li filghaxija kellha party gewwa x-Xemxija izda hu ma kienx mistieden. Meta filghaxija mar ghand ommu u minhabba l-inkwiet li kellu li lanqas jaf fejn kien mohhu huwa mar il-garaxx fejn sab lil missieru li qallu li kien sejjer il-Fortress gewwa x-Xemxija sabiex jara  Patricia x'inhi taghmel. Huwa qallu sabiex imur mieghu u fil-fatt marru bil-karozza ta' missieru fejn l-ewwel marru l-Bahrija fejn toqghod omm Patricia u meta ma rawx il-karozza taghha hemm huma marru lejn ix-Xemxija u pparkjaw il-karozza hdejn tal-gelati fejn raw diversi nies hergin minn hemm u dawn kollha kienu bil-partners rispettivi taghhom. Ghall-habta tas-1.30am l-imputat jghid li hu u missieru raw lil Patricia hierga wehidha minn gewwa l-Fortress bar u hija kienet qed tpejjep sigarett u bdiet miexja. L-imputat jghid li huwa mbaghad gharaf lil Mark Casha hiereg u ra lil dan jaqbad lil Patricia minn dahra u huma mbaghad baqghu mexjin lejn side street li kien hemm fil-genb. Ftit wara gie missieru u qallu sabiex jitla' fil-karozza u Clint Zahra jghid li ra lil martu u lil Casha jitilghu t-tela' tax-Xemxija bil-karozzi u huma komplew isegwuhom bil-karozza sakemm spiccaw Paradise Bay. Clint Zahra jgjhid li meta kulhadd ipparkja gewwa Paradise Bay, huwa nizel u qal lil missieru sabiex jibqa' fejn hu halli jmur jara x'kien qieghed jigri u dan sabiex missieru ma jarax lil mara tieghu ma' xi hadd iehor. L-imputat jghid li ra lil martu tinzel mill-karozza taghha u titla' fil-karozza ta' Casha fejn qaghdu bil-qeghda u bdew jitbewsu u ra lil martu  tnizzel is-seat. Clint Zahra jghid li meta ra hekk huwa nizel gharkubtejh u beda' jibki u mbaghad qam u mar b'girja kbira jibki u jghajjat, fetah il-bieba tal-vettura tal-passiggier ta' Casha, qabad lil martu minn xaghrha u harigha minn gol-karozza u beda' jghidilha li ma kienx haqqu hekk. L-imputat jghid lli meta

[5] Clint Zahra xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2011 filwaqt li Angelo Zahra xehed waqt l-duejnza tad-9 ta' Marzu 2012.

mar man-naha ta’ fejn kien hemm Mark sab lil missieru u spjega li dan tal-ahhar kien lahaq gie sakemm hu mar fuq Patricia. Meta wara halla lil Patricia mar in-naha ta’ fejn kien hemm Mark u dan tal-ahhar beda’ jistaqsih ghalfejn beda’ jaghmillu hekk u minhabba li kien hemm missieru ma setax jidhol hdejhom. Huwa qal li l-ewwel mar in-naha tad-driver, u kien hemm missieru u meta mar sabiex jidhol min-naha tal-passiggier xorta wahda ma seta jaghmel xejn minhabba li Casha kien il’ boghod minnu. L-imputat spjega li kif prova jidhol min-naha tal-passiggier Mark saq b’lura u huwa nqabad mill-bieba tal-karozza. Clint Zahra jghid li huwa qam mill-art u beda’ jibki u missieru qabad lil Patricia u beda’ jghidilha ghalfejn ghamiltlu hekk u din min-naha taghha qalet li ma kienu qeghdin jaghmlu xejn. L-imputat spjega li martu kienet ghadha bil-hwejjeg u missieru qallu sabiex idahhal lil Patricia fil-karozza halli jehduha ghand omma izda hija ma riditx titla’ u huma ghalhekk hadu l-karozza taghha u telqu minn fuq il-post. L-imputat jghid li huwa cempel lil omm martu u qalilha li kien qabad lil bintha ma’ xi hadd iehor u qallhom fejn qieghed hu u li kien ser jistennihom. Huwa cempel ukoll lil shabu Eric u Roseanne sabiex jigu fuq il-post. Clint Zahra jghid li meta missieru nizel hdejh qallu li Mark kien nizel b’arma u qal li lahqu bl-ezatt. Huwa kompla jghidlu li prova jzommu milli johrog u qabadlu idejh halli jipprova jehodlu l-arma. L-imputat qal li meta kelmuh il-pulizija fuq il-post huwa qalilhom li ma kellux arma fuqhu u ndikalhom li Mark kellu arma. Meta staqsewh fejn kienet Patricia, Clint Zahra jghid li qalilhom li ma kienx jaf fejn qeghda pero’ talabhom torch sabiex jaghmel tfittxija ghaliha u beda’ jghajjat u jiskuza ruhu maghha. Clint Zahra qal li meta hareg lil martu minn gewwa l-karozza huwa beda’ ixejjer idu fuqha. Huwa qal ukoll li dak il-hin lli wasal fuq il-post nizel minn gewwa l-karozza u fetah il-bieba u harigha minn xagharha. Huwa qal li jista’ jkun li tah bil-ponn u bis-sieq pero’ zied li ma kienx jaf x’qieghed jaghmel dak il-hin. Huwa kkonferma li kien mar hdejn Mark biex jghidlu ghalfejn kien ghamillu hekk. Huwa qal li kien dispjacut b’dak li gralu. Huwa kkonferma li kien ta bis-sieq u bil-ponn minhabba dan id-dispjacir. Huwa qal li seta’ uza kliem hazin dak il-hin ghax intqal hafna paroli. L-imputat qal li agixxa hekk minhabba li qatt ma stenna li xi haga

bhal din kienet ser tigri lilu ghaliex hu u martu kienu trabbew flimkien. L-imputat spjega wkoll li dak kollu li gara dam biss ftit minuti u huwa ma tantx kien qieghed jahseb f'dak il-hin.

L-imputat Angelo Zahra xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2012 fejn qal li t-tifel tieghu Clint kien kelmu u qallu li filghaxija martu Patricia kellha ikla tax-xoghol u talbu sabiex imur jittawwal ghaliex kien qieghed jahseb hazin. L-imputat Angelo Zahra spjega li Clint iddecieda li jmur mieghu ukoll u huma marru flimkien lejn il-Bahrija sabiex jaraw jekk il-vettura ta' Patricia kinitx parkeggjata quddiem id-dar t'ommha u meta raw li ma kinitx hemm marru x-Xemxija fejn raw il-karozza taghha parkeggjata. Wara li kien sar il-hin bdew jaraw lin-nies hergien u Angelo Zahra jghid li ra l-mara tat-tifel hierga fejn hija daret il-kantuniera u bdiet tpejjep sigarett. Ftit wara hareg wiehed u qabadha mill-ispalla u telqu bil-karozzi taghhom wara xulxin u saqu fid-direzzjoni tal-Ghadira u gibdu lejn Paradise Bay u hu u ibnu segwewhom bil-vettura taghhom. Angelo Zahra jghid li Clint mar jara x'kienet qieghda taghmel Patricia u huwa baqa' fil-vettura izda f'xi hin mar hdejn il-karozzi ta' Patricia u r-ragel li kienet mieghu u ra lil ibnu jiftah il-bieba tan-naha tal-passiggier tar-ragel li kienet mieghu Patricia u jigbed lil Patricia fejn din qaltlu li ma kienu qeghdin jaghmlu xejn. Angelo Zahra jghid li ibnu dak il-hin kien imwerrer ghaliex ma basarx x'kien ser isib. Huwa zied jghid li f'mument minnhom ra lil Mark Casha gewwa l-vettura li gab sikkina zghira jew mus zghir u fethu u x'hin ra hekk huwa harab jigri ghalih u qabadlu idejh u dan laqat saqajn Angelo Zahra bis-sikkina. Mark Casha waqt li beda jzommlu idejh, huwa kien qieghed izommha mal-isteering. F'xi hin Mark startja l-karozza u laqghat lill-ibnu u tajru mal-art u huwa mbaghad harab minn fuq il-post. Angelo Zahra jghid li Patricia baqghet fuq il-post u li t-tifel tieghu beda' jghajjarha u li huwa qallha sabiex tirkeb maghhom izda hi ma riditx titla' u huma ghalhekk cemplu lil ommha sabiex jghidulha x'gara. Meta gew il-Pulizija fuq il-post Angelo Zahra jghid li huma qalulhom li kienu qabdu lil mara tat-tifel ma' wiehed u li huwa ra li Mark kien hareg b'arma ghat-tifel tieghu u li kieku ma kienx hemm hu dan

Mark kien joqtollu t-tifel. L-imputat kompla jghid li huwa kellu mus fuqu u dan kien tah lil Pulizija u zied jghid li dak il-hin ma kienx uzah il-mus. Meta gie muri r-ritratt immarkat bhala 08GB3159 qal li din hija l-gerha li giet maghmula bis-sikkina li laqtu biha Mark Casha. Meta gie mistoqsi jekk fil-fatt kienx refa' idejh fuq Casha u Patricia Zahra Angelo Zahra qal li seta' kien il-kaz li refa jdejh fuq Patricia wara dak li ghamlet lil ibnu.

Ikkunsidrat

<u>L-Istqarrija tal-Imputati</u>

Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista' jkollu l-assistenza tad-difensur tiegħu waqt li jkun qed jiġi nterrogat u meta jkun ser jirrilaxxja l-istqarrija. Dan gie ritenut li jista' jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna nterrogata kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (vide sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera deċiża fil-11 ta' April 2011). Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 39 jipprovdi li –

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – "Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi". Is-sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt "li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata

lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk". L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Ewropeja li dak li hu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u nterrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provvedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interrogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europeja (vide Imbrioscia vs Svizzera tal-24 ta' Novembru 1993 u Panovits vs Cyprus tal-11 ta' Diċembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011) ġie ritenut li:

*"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-qorti m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi ghandu jinghad li fil-Kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Civili Numru. 75/2010/1), il-Qorti Ksotituzzjonali qalet fost affarijiet ohra li:

*"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[6]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[7].*

Illi kif jidher mill-fedina penali tal-imputati, din hija wahda pjuttost nadifa[8] u ghalhekk, ma jistghax jinghad li ghandhom esperenzja kif tithaddem il-gustizzja kriminali u l-process li jaghtu bidu ghall-investigazzjonijiet bhal kaz fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Generali. Illi tenut kont tal-fatt li l-imputati dakinhar tat-tehid tal-istess stqarrija ma kellhomx id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, dina l-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni bhala prova l-kontenut tal-istess stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati.

Din il-Qorti trid ghalhekk issa tifli dak li qalu l-vittmi u cioe' Patricia Zahra u Mark Anthony Casha u xhieda ohrajn biex tasal ghal sejbien ta' htija o meno tal-imputati.

Ikkunsidrat:

**a) <u>L-artikolu 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b),(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>**

Fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju tat-2 ta' Mejju 2011 l-Avukat Generali fil-paragrafu (a) indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti taz-zewg imputati taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b),(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' attetnat tal-offiza gravi fuq il-persuna. Rigward l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

---

[6] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[7] Para. 78.
[8] L-imputat Clint Zahra hija wahda netta waqt li Angelo Zahra gie kkundannat diversi drabi li jmorru mill-1965 izda huma ta' natura kontravenzjonali, bl-ahhar kundanna saret fl-2001.

*"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistghax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesion gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*“Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna, u cioe’ li jista’ ikollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche’ jigi pruvat li l-agent*

*kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistghax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-unika prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dan l-incident hija dak lli qalu Mark Casha' u Patricia Zahra.

Fil-konfront ta' Clint Zahra l-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Patricia Zahra fejn qalet li l-imputati tawha diversi daqqiet. Illi jirrizulta mill-ezami medico-legali li ghamel Dr. Mario Scerri li hija kellha feriti hfief li huma abbrazzjonijiet fuq diversi partijiet ta' gisimha. Dan indika li dawn gew maghmula meta hija kif qalet hija stess Clint kaxkara mal-art. Kien hemm indikazzjoni wkoll ta' grip marks ta' meta persuna tinzamm bl-idejn li huma wkoll kompatibbli mal-mod kif inzammet u nharget mill-vettura. Ghandu jinghad li hija kellha ferita ohra li gie kkonstatat li giet maghmula minn strument bil-ponta u li jaqta' izda din ma ppenetratx il-gisem u l-gerha giet meqjusa bhala hafifa. Illi mandankollu, ma ngiebet l-ebda prova li l-imputati kellhom intenzjoni specifika li jikkagunaw feriti gravi fuq il-persuna ta' Patricia Zahra. Min-naha l-ohra, l-istess Mark Casha qal li Clint Zahra kien tah daqqa ta' sieq fil-genb meta huwa kien ghadu fil-karozza liema ferita kienet ta' natura hafifa. Ghandu jinghad li f'ebda hin ma ngiebet prova fil-

konfront ta’ Clint Zahra li tindika li b’din id-daqqa kien hemm l-intenzjoni specifika li tigi kagunata ferita gravi fuq il-persuna ta’ Mark Casha.

Madankollu mill-provi rrizulta li Mark Casha’ sofra griehi gravi u li anki f’mument minnhom gie certifikat li kien qieghed fil-periklu tal-mewt. Huwa qal li qala’ diversi daqqiet bi strument bil-ponta u li jaqta’ kemm f’ghonqu, kif ukoll f’saqajh. Wahda minn dawn id-daqqiet fil-fatt ippenetrat il-kavita’ ta’ gismu bil-konsegwenza li kien hemm il-periklu li jitlef hajtu. Min-naha tieghu, l-imputat Angelo Zahra ta verzjoni differenti tad-dinamika tad-daqqiet ta’ strument bil-ponta u li jaqta’. Huwa qal li f’mument minnhom ra lil Mark Casha’ gewwa l-karozza u x’hin fetah il-bieba gab sikkina zghira jew mus zghir u fethu. X’hin ra hekk harab jigri ghalih u qabadlu idejh. X’hin qabadlu idejh, Mark Casha’ laqatlu saqajh bis-sikkina u qabadlu idejh u f’xi hin Mark startja l-karozza u laqghet lill-ibnu u tajru mal-art u mbaghad harab minn fuq il-post. Mill-provi fil-fatt irrizulta li Angelo Zahra ghadda mus lill-Pulizija u minn ezamijiet forensici li saru fuqu ma rrizultax li nstabu tracci ta’ demm. Inoltre l-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali l-anqas ma kkonstataw li dan il-mus kien kompatibbli ma’ xi daqqiet li nstabu fuq il-persuna tal-vittmi ta’ din l-aggressjoni.

Illi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju ghall-Gudizzju fejn gie indikat li l-imputat Anglu Zahra jista’ jinstab hati taht l-artikolu 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tinnota li dawn l-akkuzi fil-konfront ta’ Angelo Zahra ma jistghux ireggu. Dina tinsab konvinta li l-fatti graw kif indikat minn Mark Casha u cioe’ li huwa qala’ diversi daqqiet li kkagunaw griehi gravi fejn anki kien fil-periklu tal-mewt. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li Angelo Zahra kellu jigi akkuzat ta’ tentattiv ta’ omicidju u mhux ta’ tentattiv ta’ feriti gravi taht l-artikolu 218 kif indika l-Avukat Generali. Huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza[9]

[9] bhalma qalet il-Qorti tal-Appell fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Carter deciza fis-7 ta’ Dicembru 2001, meta “r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed

tal-Qrati taghna, li dina l-Qorti trid timxi fuq dawk l-Artikoli tal-ligi li jkun indika l-Avukat Generali ghal finijiet ta' sejbien ta' htija. Kif gie indikat aktar 'il fuq fil-korp ta din is-sentenza mill-provi rrizulta li Mark Anthony Casha' effettivament sofra griehi ta' natura gravi izda peress li l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija ta' attentat ta' offiza gravi l-Qorti ma tistghax issib htija ta' reat aktar gravi stante li il-meno non comprende il piu'. Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax tara kif Angelo Zahra jista' b'xi mod jinstab hati ta' tentattiv meta l-azzjoni kienet wahda kompluta u cioe' gew fil-fatt kagunati offizi gravi tant li l-gravita' taghhom setghat waslet ghall-mewt tal-ferut li ghamel zmien fil-perikolu tal-mewt. Din il-Qorti hija ghalhekk prekluza milli ssib lil Angelo Zahra hati ta' tentattiv ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' Mark Casha u Patricia Zahra.
Minn naha l-ohra fil-konfront ta' Clint Zahra ma ngabet ebda prova li fil-fatt kien hemm l-intenzjoni specifika li dan ried jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Patricia Zahra jew ta' Mark Casha u ghalhekk huwa wkoll ser jigi dikjarat mhux hati ta' din l-imputazzjoni.

**b) <u>L-artikoli 214, 215, 221(1),(2), 222(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju tat- 2 ta' Mejju 2011 l-Avukat Generali fil-paragrafu (b) indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti taz-zewg imputati taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 214, 215, 221(1),(2), u 222(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 221 jghid :
**221.** (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.

---

jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti."

(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn xahrejn sa sena.

Illi skond ma' gie certifikat minn Dr. Moira Grech meta hija ezaminat lil Patricia Zahra din kellha griehi hfief. Dawn il-griehi kienu jikkonsistu f'numru ta' tbengil u brix pero' Patricia Zahra kellha laceration wound li kienet kbira twila 0.7 cm fuq in-naha tax-xellug ta' sidirha, kompatibbli ma stab wound. Din ma kinitx fonda u ma ppenetratx il-kavita. Min-naha tieghu l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri kkonstata li Patricia Zahra kellha abrazzjonijiet fuq spallejha ta' natura hafifa, fuq id-driegh tal-lemin u fuq l-id il-leminija ta' natura hafifa wkoll u li hija kellha abrazzjoni mal-polz tan-naha tal-lemin ta' natura hafifa kif ukoll fuq il-pala tal-id il-leminja. Hija kellha wkoll ferita maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta fuq l-aspett laterali tan-naha ta' isfel tad-dahar. Il-ferita kienet suturata pero' incised wound minhabba li ma kinitx penetrat il-kavita' toracika. Kellha tbengil kompatibbli ma' grip marks fuq id-driegh tax-xellug. Kellha tbengil kompatibbli ma' grip marks iktar l-isfel fir-regjun tal-minkeb tax-xellug. Kellha tbengil kbir fuq il-koxxa l-leminija kompatibbli ma' blunt trauma u feriti hfief ohra. Dawn il-griehi kienu kompatibbli ma' blunt trauma. Minn dan kollu jidher li Patricia Zahra sofriet biss feriti ta' natura hafifa. Mix-xhieda taghha jirizulta li fil-mument li inharget minn gewwa l-karozza sofriet daqqiet kemm bis-sieq u bil-ponn. Deher ukoll li hija tkaxkret mal-art mill-aggressuri u ghalhekk jidher b'mod car li hafna mill-feriti li kellha kienu kompatibbli kemm mat-tkaxkir kif ukoll minn daqqiet li hija qalghet dak il-hin. L-istess Mark Casha kkonferma li fil-mument li kienet barra mill-karozza ra lil Patricia Zahra taqla' d-daqqiet mir-ragel taghha u cioe' minn Clint Zahra. Anki l-istess Clint Zahra fix-xhieda tieghu qal b'mod car li huwa kien taha daqqiet bis-sieq u bil-ponn minhabba d-dispjacir li kellu. Angelo Zahra ukoll qal li seta' kien il-kaz li refa' jdejh fuq Patricia Zahra wara dak li ghamlet lil ibnu. Ghalhekk jirrizulta minghajr ebda dubju kemm minn dak li hareg mix-xhieda kif ukoll mill-feriti li kellha Patricia Zahra li dawn il-griehi ta' natura hafifa gew kagunati miz-zewg imputati.  Tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 221(2) Patricia Zahra sofriet ferita

ohra u cioe’ ferita maghmula bi strument li jaqta’ u bil-ponta fuq l-aspett laterali tan-naha ta’ isfel tad-dahar. Il-ferita kienet suturata pero’ incised wound minhabba li ma kinitx ippenetrat il-kavita’ toracika. Irrizulta li din il-ferita kienet ta’ natura hafifa wkoll. Mix-xiehda ta Patricia Zahra jirrizulta li min-naha ta’ Clint Zahra hija qalghet biss daqqiet bis-sieq jew bil-ponn izda qatt ma qalet li huwa kellu xi arma fuqhu. Ghalhekk, f’dawn ic-cirkostanzi fil-konfront ta’ Clint Zahra l-artikolu 221(2) mhux applikabbli.

Fil-konfront ta’ Angelo Zahra, Patricia Zahra qalet li f’hin minnhom rat xi haga tleqq f’idu izda ma setghatx tghid jekk din kinitx xi arma jew le. Hija kompliet tghid li meta dahlet gewwa l-Isptar saret taf li fil-fatt hija sofriet daqqa bi strument jaqta’ u bil-ponta. Hija kkonfermat biss li Angelo Zahra ta xi daqqiet izda f’ebda hin ma qalet li kien ta xi daqqa f’dahra b’xi strument li jaqta u bil-ponta. Illi ghalhekk ma tezistix prova cara li b’xi mod tista’ tindika b’mod assolut li kien fil-fatt Angelo Zahra li ta daqqa ta’ strument bil-ponta u li jaqta’ lil Patricia Zahra.

Ikkunsidrat

Illi hareg bic-car li Mark Casha sofra diversi griehi fosthom ta’ natura hafifa kif ukoll gravi. Illi mill-istess xiehda li ta Mark Casha’, l-imputat Clint Zahra tah daqqa bis-sieq meta huwa kien gewwa l-karozza. Din kienet l-unika daqqa li qal li sofra. Dina l-Qorti thoss li x-xhieda ta’ Mark Casha’ hija l-aktar wahda vicin il-fatti kif graw dakinnhar. Illi ghalhekk Clint Zahra ghandu jinstab hati li kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta’ Mark Casha’ ai termini tal-Artikolu 221(1). Mill-provi rrizulta wkoll li Mark Casha’ sofra griehi hfief fuq il-persuna tieghu li gew maghmula mill-imputat Angelo Zahra. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser issib lil Clint Zahra hati li kkaguna feriti hfief ai termini tal-Artikolu 221(1) fuq il-persuni ta’ Patricia Zahra u ta’ Mark Casha’ kif ukoll taht l-artikolu 222(1)(a) fil-kaz ta’ Patricia Zahra. Il-Qorti ser issib lil Angelo Zahra hati taht l-artikolu 221(1) in kwantu jirrigwarda l-feriti kagunati lil ta’ Patricia Zahra u Mark Casha’.

**c) <u>L-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi mid-diversi xhieda li tressqu quddiem dina l-Qorti hareg bic-car li kien hemm kommozzjoni u ghajjat da parti taz-zewg imputati u huma sejrin ghalhekk jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li z-zewg imputati ghandhom fedini penali relattivament netti, (dik tal-imputat Clint Zahra hija fil-fatt nadifa filwaqt li l-imputat Angelo Zahra nstab hati ta' kontravenzjonijiet diversi snin ilu). Il-Qorti kkunsdirat ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika minflok il-provvedimetnti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti taz-zewg imputati u ser tordna wkoll il-hrug ta Ordni ta' Protezzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju ghal Gudizzju tat-2 ta' Mejju 2011 u senjatament l-Artikoli 221, 222(1)(a), 338(dd), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Clint Zahra hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Patricia Zahra u Mark Anthony Casha' kif ukoll talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Clint Zahra mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju ghall-Gudizzju tat-2 ta' Mejju 2011 u senjatament l-Artikoli 221, 338(dd) u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Angelo Zahra hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Patricia Zahra u Mark Anthony Casha' kif ukoll talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Angelo

Zahra mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta Protezzjoni ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum fejn il-persuni protetti huma Patricia Zahra u Mark Anthony Casha' u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lil-imputati sabiex sa zmien xahar (1) min meta jigu hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed tas-somma ta' elf tlett mija u tmenin ewro u sebgha u erbghin ewro centezmi (€1380.47) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------